Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

Data tal-laqgħa: 11 ta' Diċembru 2025

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):
Annalise Galea – Kunsillier (AG)

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa.

## 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

19.1.1 Is-Sindku qal li l-Kunsillier AG infurmat li ma setgħatx tattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġiet skużata.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

19.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 18. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

19.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku EG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG il-minuti ġew approvati.

## 19.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

19.3.1 Para 18.3.1 – Dawl dekorattiv mas-siġar tal-pjazza
L-*electrician* se jiltaqa' mas-Sindku għada filgħaxija biex jippruvaw riflettur.

19.3.2 Para 18.3.2 - Riflettur ta' quddiem il-Knisja
Is-SE infurmat li l-kuntrattur għad irid jiċċekkja mas-*supplier* jekk jeżistux *spot lights* sofor. Is-Sindku se jkun qed ikellem lill-kuntrattur.

19.3.3 Para 18.3.3 - Kwotazzjonijiet - Bandli
Is-SE infurmat li l-bandli ġew installati. Il-fornitur jonqsu jiġi biex iqassarhom għax qiegħdin baxxi ħafna. Se ngħidulu jiċċekkjahom għax qiegħdin *wobbly*.

19.3.4 Para 18.3.4 - *Merħba Locality Sign* fi Triq Birbal
L-HSBC ġew infurmati biex iwaħħlu t-tabella u qed nistennew risposta.

19.3.5 Para 18.3.5 - Triq Idmejda (Uffiċċju tal-iskejjel tal-Knisja)
Is-SE infurmat li għad irridu napplikaw ma' TM għal permess għal 20km/siegħa u sadanittant nagħmlu s-sinjali fl-art ta' 30km/siegħa.

19.3.6 Para 18.7.1 - Skema ta' Għajnuna fil-Komunità
Is-Sindku infurma li applikajna biex issir attività relatata ma' Jum Ħal Balzan tas-sena d-dieħla (Lejla Kulturali Balzanija).

19.3.7.1 Para 18.12 – *Speeding* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima
TM infurmawna li *sleeping policeman* tista' ssir ukoll bl-asfalt sakemm ma taqbiżx il-75mm fl-għoli. Normalment ikunu aktar wiesgħa minn dawk tar-*rubber* u jista' jkunu sa 2m wiesgħa. Infurmawna li għalkemm *sleeping policeman* tal-asfalt tagħmel inqas storbju, il-qawwa tal-ħoss tiddependi mill-*ispeed* li jgħaddu minn fuqha.

19.3.7.2 Peress li xorta jagħmlu ħoss, xorta trid il-kunsens tar-residenti. Tiġi diskussa aktar il'quddiem għax wara l-festi se jibda x-xogħol tul it-triq kollha mill-Enemalta plc.

19.3.8 Para 18.13.4 - Installazzjoni ta' *Sidewalk Libraries*
Is-SE infurmat li bagħtet id-dettalji lill-Aġenzija tal-Litteriżmu ta' fejn u min se jieħu ħsieb is-*sidewalk library* u qed nistennew risposta.

19.3.9 Para 18.8.3 - *Christmas Market*
Il-Każin tal-Banda San Gabriel ġew infurmati li l-Kunsill permezz ta' Skema Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana se jiffinanzja parti mill-ispejjeż. Sal-lum ma rċevejna l-ebda risposta. Se ninfurmawhom biex jinkludu l-emblema tal-Kunsill u tar-Reġjun fil-poster tal-attività.

19.3.10 <u>Para 18.8.4 - *Mulled Wine* fuq iz-Zuntier</u>

L-istess għal din l-attività, se ninfurmawhom biex jinkludu l-emblema tal-Kunsill u tar-Reġjun fil-poster tal-attività. Kif ukoll, għad iridu jibgħatu talba formali.

## 19.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

19.4.1.1 <u>Laqgħa ma' Balzan Football Club</u>

Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier AG ltaqgħu ma' Balzan FC fejn talbu li jsiru tabelli żgħar ma' arbli eżistenti fil-lokalità, li juru d-direzzjoni għall-*ground* tal-*Football* li jinsab f'Ħal Lija. Se jkun qed jiġi indikat il-postijiet ta' fejn se jitwaħħlu.

19.4.1.2 Waqt il-laqgħa qablu wkoll lis-sena d-dieħla ssir attività flimkien fejn il-ħsieb hu li ssir bħal *Open Day* fil-*ground* u jkun hemm *tournament* tal-*football* u xi attivitajiet sportivi.

19.4.2 <u>*Tender for the Collection of Bulky Refuse and WEEE using low emission service vehicle for the Ħal Balzan Local Council* – BLC 04/2025</u>

Is-Sindku infurma li wieħed mill-*bidders* appella għad-deċiżjoni u għalhekk il-proċess tat-*tender* ġie sospiż sakemm ikun hemm is-smiegħ u deċiżjoni mill-PCRB. Is-Sindku jinsab diżappuntat mill-*Contracts Manager* (li huwa wieħed mill-evalwaturi) li l-bord tal-evalwazzjoni mexa fuq rapport li kien għamel hu u llum mill-appell skoprejna li jumejn ilu rtira r-rapport li kien għamel mal-Pulizija.

19.4.3 <u>*Residential Parking Scheme*</u>

Dwar dan is-suġġett ma kien hemm l-ebda aġġornament mill-AKL.

19.4.4 <u>*Work Placement* minn student mill-MCAST</u>

Is-Sindku infurma li student mill-MCAST talab li jagħmel *work placement* ta' 20 siegħa mal-Kunsill. Is-SE se tagħmel kuntatt miegħu biex jiġi wara l-festi.

19.4.5 <u>Dawl dekorattiv – Kappelli fi Triq it-Tliet Knejjes</u>

Is-Sindku semma d-dawl fl-art li hemm fejn il-Kappelli li mhux jixgħel. Is-SE infurmat li dak id-dawl huwa parti mill-proprjetà tal-Knisja. Se nġibu aktar informazzjoni u niċċekkjaw dwar il-possibbiltà li jerġa' jibda jixgħel.

## 19.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

19.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 19.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

19.6.1 <u>Estimi Finanzjarji *Draft* għas-sena 2026</u>

L-Estimi Finanzjarji *Draft* għas-sena 2026 tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsilliera.

19.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Viċi Sindku EG, l-Estimi Finanzjarji *Draft* għas-sena 2026 ġie approvat unanimament. Is-SE ser tippreżenta kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti fil-laqgħa li jmiss.

## 19.7 *Performance Bonus* għas-sena 2025 lis-Segretarju Eżekuttiv u l-Ħaddiema Klerikali

19.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-*performance* għas-sena 2025 tas-SE u l-ħaddiema klerikali. Is-SE irrakkomandat li, l-*Administration Officer* II u ż-żewġ (2) *Clerical Officers* jingħataw *performance bonus* massimu ta' 10% tas-salarju. Il-Kunsill iddiskuta u unanimament approva.

19.7.2 Is-SE ġiet infurmata li m'hemmx bżonn toħroġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-SE (li kien preparat mis-Sindku) fil-preżenza tagħha. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 10% tas-salarju. Is-SE irringrazzjat lill-Kunsill.

## 19.8 Ilmenti u *Items* oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill

19.8.1 <u>Talba mill-ħaddiema klerikali biex iġeddu xi *leave* għas-sena 2026</u>
Il-Kunsill approva t-talbiet tat-tliet (3) ħaddiema klerikali biex iġeddu 52 ½ siegħa (6 ijiem) *leave* kull wieħed mill-2025 għall-2026.

19.8.2 <u>Żbir ta’ siġar</u>
Is-SE ressqet kwotazzjoni biex isir żbir tas-siġar fi Triq l-Imdina k/m Vjal De Paule u fi Triq Ġuże’ Bonnici. Dawn is-siġar hemm bżonn li jinżabru kemm jista’ jkun malajr għax tant kibru li vetturi kbar qed jolqtu l-friegħi. Is-SE infurmat li s-sejħa għall-offerti se terġa’ toħroġ għada. Se nġibu xi kwotazzjonijiet oħra.

**F’dan il-ħin (5.30pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-5.35pm. F’dan il-ħin (5.35pm) il-Kunsillier MLB daħlet għal-laqgħa.**

## 19.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

19.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdet l-iskeda ta’ pagamenti nru. 12/25, li tinkludi l-ammont ta’ €58.53c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta’ Novembru 2025.

19.9.2 L-iskeda ta’ pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier MLB li kienet issekondata mill-Viċi Sindku EG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 19.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

19.10.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.36pm.

19.10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 20 ta’ Jannar 2026 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 20 ta’ Jannar 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |